# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta' Jannar, 2002**

**Appell Nru 175/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Camilleri talli fil-Hamrun, gewwa id-dar matrimonjali tieghu, fit-28 ta' Mejju, 2000 ghal-habta ta' nofs il-lejl u fid-29 ta' Mejju, 2000 ghal habta ta' 6.00am (**1**) uza vjolenza kontra martu Maria Louisa Camilleri u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Jurgen C. Abela MD; (**2**) u aktar hedded bi kliem lil imsemmija Maria Louisa Camilleri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Settembru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Camilleri hati skond iz-zewg imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fuq l-ewwel imputazzjoni u ammenda ta' ghaxar liri (Lm10) fuq it-tieni imputazzjoni; dik il-qorti inoltre rabtet lill-istess Mario Camilleri skond l-Artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali ghall-periodu ta' sena u taht penali ta' mitt lira li ma jimmolestax, jintimidax jew jhedded lil martu Marisa (Maria Louisa) Camilleri (ara l-obbligazzjoni maghmula bil-miktub a fol. 25 tal-atti);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Camilleri, minnu ppresentat fl-4 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti qabel xejn tippreciza li ghalkemm quddiem l-ewwel qorti xehdet it-tifla tal-appellant u tal-kwerelanti Maria Louisa Camilleri, cioe` Eliza Camilleri (ara l-verbal tat-23 ta' Lulju, 2001 a fol. 11), fi stadju ta' appell din l-istess Eliza Camilleri talbet li ma tixhedx kontra missierha (ghalkemm, kif inghad, kienet xehdet fl-ewwel istanza). Din il-Qorti,

b'applikazzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 633 tal-Kodici Kriminali, ezentat lil din ix-xhud milli (terga') tixhed (ara l-verbal tad-29 ta' Novembru, 2001). Ghalhekk f'dina l-istanza, apparti mid-deposizzjoni tas-Surgent Carmelo Costa (li dwar l-incident meritu ta' l-imputazzjonijiet ma jaf xejn direttament) u l-affidavit tat-Tabib Dott. Jurgen Abela (li ezamina lil mart l-appellant ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija tad-29 ta' Mejju, 2000), il-provi bazikament jirriducu ruhhom ghall-versjoni ta' Maria Louisa Camilleri u ta' l-appellant.

It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju ta' l-appellant huma fis-sens li ma jirrizultawx l-estremi tar-reat ta' offiza volontarja hafifa (fuq il-persuna ta' martu), peress li, dejjem skond l-appellant, il-griehi li garrbet martu kienu, se mai, ta' natura involontarja, kagunati meta huwa gibed lil martu lura mill-gallerija ghax beza' li ser taqbez u t-tnejn li huma waqghu ma' l-art. Ghalkemm dina l-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, izda tillimita ruhha biex tara jekk, fuq il-provi li kellha quddiemha, dik il-qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, fic-cirkostanzi partkolari ta' dan il-kaz, u cioe` meta issa ma hemmx id-deposizzjoni tat-tifla, din il-Qorti tara li ma jistax jinghad li gie pruvat sal-grad li trid il-ligi li meta l-appellant qabad lil martu u gibida 'l gewwa mill-gallerija huwa kellu b'xi mod il-hsieb li jaghmlilha xi hsara, zghira kemm hi zghira, fuq il-persuna taghha. Fi kliem iehor, anke jekk wiehed kellu joqghod biss fuq id-deposizzjoni ta' mart l-appellant, din il-Qorti tara li ma jirrizultax pruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-*animus nocendi*.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali. Dwar l-ewwel imputazzjoni din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tghid aktar. Dwar it-tieni imputazzjoni, din tirrizulta sodisfacentement pruvata mid-deposizzjoni ta' mart l-appellant.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u torrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Mario Camilleri hati skond l-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu multa ta' hamsa w ghoxrin lira, u minflok tilliberah minn din l-ewwel imputazzjoni; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija (u cioe` fejn sabet htija dwar it-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant ammenda ta' ghaxar liri, kif ukoll fejn imponiet il-precett skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9).

Aldo Testone
Dep. Registratur